C/2024/5674

19.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11681 – AMUNDI / MARGUERITE / ZE WAY INVEST / ZE ENERGY JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5674)

1. Fil-11 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— WIFRA (Franza), ikkontrollata minn ESR Alba II FCPR (Franza) u Amundi Seed Alba II FCPR (Franza), żewġ fondi ġestiti indirettament minn Amundi SA ("Amundi", Franza), sussidjarja tal-grupp Crédit Agricole SA ("Crédit Agricole", Franza),

— Marguerite II SCSp ("Marguerite II", il-Lussemburgu),

— ZE Way Invest SAS ("Ze Way Invest", Franza),

— ZE Energy SAS ("Ze Energy", Franza), ikkontrollata minn Ze Way Invest u Marguerite II.

WIFRA, Marguerite II, u Ze Way Invest se jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Ze Energy.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— WIFRA tiffoka fuq investimenti diretti fl-infrastruttura, b'mod partikolari fuq is-settur tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tad-dekarbonizzazzjoni. Amundi hija kumpanija tal-ġestjoni tal-assi b'portafoll ta' assi ddedikati għat-tranżizzjoni tal-enerġija, inklużi l-infrastruttura tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, id-distribuzzjoni tal-enerġija u l-infrastruttura tal-effiċjenza, u l-infrastruttura tal-konsumatur. Crédit Agricole jispeċjalizza fil-ġestjoni tal-assi kemm għall-klijenti istituzzjonali kif ukoll għall-klijenti mhux professjonali, u jkopri l-klassijiet kollha tal-assi,

— Marguerite II huwa fond ta' investiment b'enfasi partikolari fuq is-setturi tal-enerġija rinnovabbli, tal-enerġija, tat-trasport u diġitali,

— ZE Way Invest tipprovdi pariri strateġiċi lill-kumpaniji li jiffukaw fuq l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-setturi tal-produzzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-mobbiltà elettrika,

— Ze Energy tiżviluppa, tibni u topera impjanti tal-enerġija solari ibridi "fotovoltajċi + ħżin".

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11681 – AMUNDI / MARGUERITE / ZE WAY INVEST / ZE ENERGY JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË